**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 99/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2158/1992)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponenti A B u l-intimata C B zzewwgu fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Birgu, nhar it-tnax (12) ta' Dicembru elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic- Certifikat taz-Zwieg numru 2158/1992 (Dok. A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D B li ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena u E B li ghandha tnejn u għoxrin (22) sena, m'għadhiex tistudja u ghandha mpjieg part-time.

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn Frar 2022, meta sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Dok. B).

4. Illi l-esponent u martu C B huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u għandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u għalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li għadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, l- intimata ddikjarat li ddekadiet mid-dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand xulxin (klawsola 3).

5. Illi l-esponent hallas kull manteniment dovut minnu lill-intimata ghar-rigward tal- ulied, fil-konfront ta' Justin Sammut bi hlas ghas-saldu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 5) u fir-rigward ta' E B b'assenjazzjoni ta' proprjeta' immobbli (klawsola 5).

6. Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

7. Illi għalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 2158/1992;

(2) tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li għandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Frar 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.